SME HELPDESK

Pubblikazzjoni 8
31 ta' Lulju 2014

INFORMAZZJONI MIĠJUBA MILL-ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM

**Segretarjat ta' l-MEA:**

*Direttur Ġenerali*
Joseph Farrugia

*Executive in EU & Legal Affairs*
Dr Charlotte Camilleri

*Uffiċċjal Eżekuttiv tal-SME Helpdesk*
Anton Vella

*Segretarja*
Dorianne Azzopardi Cilia

© Dan il-fuljet hu ippreparat u ċċirkulat mill-:
ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM
35/1, South Street, Valletta
VLT 1100, Malta
Tel: (+356) 21237585 / 21222992
24/7 Tel: (+356) 21222006
Fax: (+356) 21230227
admin@maltaemployers.com
www.maltaemployers.com
www.facebook.com/MaltaEmployersAssociation

**Corporate sponsor:**

vodafone

# Proċeduri ġodda għall-permessi tax-xogħol għall-ħaddiema *'Third Country Nationals'*

Fil-ħarġa numru 8, tal-pubblikazzjoni - *SME Helpdesk* għax-xahar ta' Lulju 2014, ħassejt il-ħtieġa li għandi nikkomunika magħkom dwar il-proċeduri l-ġodda għall-permessi tax-xogħol għall-ħaddiema *"Third-Country Nationals".* Fi kliem ieħor, proċeduri ġodda sabiex *employer* jimpjega miegħu ċerti ħaddiema barranin, u jkun ċert li huma għandhom il-*working permit* kif suppost.

Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ (ETC) u Identity Malta qed iħabbru t-twaqqif ta' '**one-stop-shop**' għal 'Third-Country Nationals' (TCNs) li jixtiequ jgħixu Malta għal skopijiet ta' xogħol.

Minn dan ix-xahar il-maġġoranza tat-TCNs, ħlief għal dawk li huma msemmija fil-lista t'hawn taħt, se jkollhom bżonn jissottomettu biss applikazzjoni waħda għall-permessi tax-xogħol u r-residenza. Dan se jibda jsir mill-persuna li se tkun impjegata (it-TCN) u mhux minn min iħaddem. L-applikazzjonijiet għandhom jittieħdu għand id-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza f'Evans Building, Misraħ Sant'Iermu, il-Belt Valletta.

**Dan ifisser li min iħaddem m'għandux għalfejn jissottometti applikazzjonijiet qabel ma' jimpjega ħaddiema TCNs. L-applikazzjonijiet għandhom ikunu sottometti mill-impjegati prospettivi nfushom. Min iħaddem se jkun mitlub biss biex japprova l-applikazzjoni.**

**Min iħaddem ma jistax jimpjega persuna TCN qabel ma' din tikseb il-permess tax-xogħol.**

### *Din il-proċedura tapplika għall-ħaddiema TCN kollha?*

**Din il-proċedura tapplika għall-ħaddiema TCN kollha ħlief dawk li jaqgħu taħt dawn il-kategoriji:**

- TCNs li ngħataw jew qed jistennew biex jingħataw protezzjoni temporanja, kif ukoll benefiċjarji ta' protezzjoni nazzjonali jew internazzjonali.
- TCNs li għandhom 'long-term resident status'.
- TCNs li se jaħdmu għal rashom.
- TCNs li huma studenti rikonoxxuti taħt ir-Regolamenti tal-Istudenti (Avviż Legali 29 tal-2008).
- TCNs li se jaħdmu Malta għal massimu ta' 6 xhur.
- TCNs li se jaħdmu fuq bażi ta' viża.
- TCNs li huma meqjusa bħala 'posted workers' u 'intra-corporate transferees'.

Dawn t'hawn fuq jeħtieġu li jgħaddu miż-żewġ proċeduri separati fl-ETC u fid-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza, skont ir-regoli preżenti.

### *Aktar informazzjoni?*

Il-proċeduri applikabbli għal każijiet individwali huma aċċessibli fuq www.mhas.gov.mt ('MHAS Services' – 'Residence') jew billi tikkuntattja lid-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza fuq 2590 4800 jew permezz ta' 'email' fuq citizenship@gov.mt.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas ippermettuli bħas soltu nerġa infakkarkom li il-bibien ta' l-MEA huma dejjem miftuħa għalikom, jekk tiddeċiedu li tissieħbu magħna bħala membri. Dan tistgħu tagħmluh billi, tibgħatu *email* fuq anton.vella@maltaemployers.com jew admin@maltaemployers.com inkella iċċemplu fuq in-numri tat-telefon tal-uffiċċju li huma 21222992 / 21237585, jew tħallu isimkom u t-telefon tagħkom fejn inkunu nistgħu nikkuntattjawkom, fuq it-24/7 *helpline answering machine* 21222006.

Grazzi u tislijiet

Anton

Anton Vella
*SME Helpdesk*

SPECIALISTS IN CUSTOM MADE DISPLAYS FOR SUPERMARKETS AND STORES



ZAFFARESE
signs + display ltd
Tel: 21484305/6
info@zaffarese.com
www.zaffarese.com